MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2006

Numru 382/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR NEZREN GRIXTI**

**VS**

**JOSEPH ENRIQUEZ**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Enriquez ta' 19-il sena, bin il-mejjet Carmelo u Anna nee' Bugeja, imwieled tal-Pieta', nhar is-26 ta' Gunju, 1984, u residenti fil-fond Block A, Flat 12, Triq id-Duluri, tal-Pieta', detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 337 584 (M);

a. Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-11 ta' Mejju, 2004, u matul l-ahhar xahar qabel din id-data, gewwa tal-Pieta' u bnadi ohra, f'Malta, f'hinijiet differenti b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess

disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda,u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kap 9;

b. U aktar talli biegh, jew b'xort'ohra, ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis,* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (b), tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(A) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

d. U kif ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, mill-Magistrat Dr Lawrence Quintano LL.D., liema sentenza saret sentenza definittiva u ma tistax tinbidel, nhar l-4 ta' Dicembru, 2003.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli 8(a) u (b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 18, 49, u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum, u l-Artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ma ssibx lill-imputat hati ta' akkuza (b) u ghaldaqstant tilliberah minnha, issibu hati tal-akkuzi (c) u (d) u tenut kont tar-riduzzjoni fil-piena *ai termini* tal-Artikolu 29 tal-Kap 101 hawn fuq citat, tikkundanna lil Joseph Enriquez ghal terminu ta' prigunerija ta' xahrejn (2), li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu ta' arrest preventiv li l-imputat gia skonta.

Tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti, taht l-awtorita' tal-Ufficcjali tal-Pulizija.

*Inoltre* tirrakkommanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, sabiex l-imputat jinzamm fis-sezzjoni tal-YOURS u li jinghata kull assistenza biex ikompli jattendi ghall-programmi riabilitattivi li l-imputat gia' beda jattendi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------